Fit-Tribunal tal-Konsumatur

Jean Pierre u Frediana Mifsud

Vs

Renergy Limited

CCT 98/24/MM

Illum, 5 ta' November 2024

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti ippreżentat fit-13 ta' Mejju 2024 fejn talbu s-somma ta' tlett elef u ħames mitt ewro (€3,500) rappreżentanti l-prezz li ħallsu għal sett panelli li rriżultaw difettużi.

Ra r-rispsota tas-soċjeta' intimata.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawża.

Sema x-xhieda bil-ġurament.

Sema' t-trattazzjoni u s-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent jispjega li kien xtara sett panelli mingħand is-soċjeta' intimata fis-sena 2016 u f'Diċembru 2023 l-panelli bdew jimmarkaw li hemm '*fault*'. Illi r-rikorrenti jsostnu li kienu

qegħdin jitilfu bejn 25% u 30% tal-potenzjal. Illi eventwalment is-soċjeta' intimata ikkonfermat li l-panelli kellhom difett u l-manifattur LG ma kienx għadu jimmanifattura dawn il-panelli.

Illi s-soċjeta' intimata laqat għat-talba attriċi billi qalet li l-garanzijja li kienet provdiet kienet valida għal ħames snin u kienet tibda mid-9 ta' Settembru 2016 u għalhekk il-garanzijja fuq il-panelli kienet għalqet. Madankollu l-panelli kienu wkoll koperti bil-garanzijja tal-manifattur u l-manifattur kien qed jofri kumpens ta' seba mitt ewro (€700) u għalhekk dan kien l-ammont massimu li s-soċjeta' intimata setat tagħti lir-rikorrenti.

Ikkunsidra

Illi huwa mill-ewwel evidenti illi x-xorta ta' azzjoni esperita mir-rikorrenti hi dik li l-panelli minnhom komprati ma kienx tal-kwalita mwegħda. Fi kliem ieħor huma qegħdin jallegaw inadempjenza kontrattwali da parti tas-soċjeta` intimata u, allura, qegħda jippretendu d-danni.

Kif osservat, in linea ġenerali d-danni għandhom tifsira x'aktarx allargata minn dik tas-sempliċi restituzzjoni tal-prezz jew tar-rimpjazzament ta' l-oġġett mixtri. Dan, iżda, ma jfissirx, imbagħad, illi d-danni ma humiex komprensivi tar-rifużjoni tal-prezz jew tar-rimpjazzament ta' l-oġġett jekk ix-xerrej ikun illimita ruħu għal xi waħda jew oħra minn dawn l-opzjonijiet. Ara a propożitu d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appel fl-ismijiet "**Karl Francica -vs- Luke Piscopo et**", 9 ta' Jannar, 2009.

Premess dan, hu accettat illi meta l-bejgħ ma jkunx skond dak imwiegħed ossija l-oġġett mixtri ma jkunx konformi għall-ftehim appattwit jew għax ukoll difformi għall-kampjun, il-kompratur jista' jitlob ir-riżoluzzjoni tal-kuntratt avolja jkun rċeva l-oġġett tal-bejħ. Dan huwa hekk "*in quanto che la cosa per cui consentiva risultò essere tutt'altra che quella*

dedotta in contratto ... una cosa diversa da quella che era contemplata nel contrattare, e per cioe` non si concederebbe una azione redibitoria ma quella di nullita`, avente per base la cosa pattuita nel consenso del compratore". ("**Commerciante Michele Grima -vs- Negoziante Arturo von Kohen**", Qorti tal-Kummerc, 28 ta' Frar, 1884. Ara wkoll fejn si tratta ta' bejgh mhux konformi ghall-kampjun is-sentenza fl-ismijiet"**Joseph Hanauer nomine -vs- Giovanni Maria Debono**", Appell Kummercjali, 11 ta' Ottubru, 1915);

Evidentement, il-qawwa ta' din il-prospettazzjoni tinhass aktar f'materja ta' rapport kummercjant-konsumatur skond ma jinzel mid-dispost ta' l-Artikolu 73 (1) ta' l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur. L-intensita ta' dan il-provvediment ghat-tutela tal-konsumatur huwa talment estiż li joffri assikurazzjoni lix-xerrej billi jimponi obbligu fuq il-bejjiegh illi l-oggetti "*ikunu konformi mad-deskrizzjoni moghtija mill-kummercjant u jkollhom il-karatteristici, il-fattizzi u l-kwalitajiet ta' l-oggetti li l-kummercjant ikun wieghed jew xort'ohra ipprezenta lill-konsumatur bhala kampjun jew mudell* (subpara. "a"*), ikunu adatti ghall-iskop partikulari li ghalih il-konsumatur ikun jehtieghom* (subpara. "b"*), ikunu adatti ghall-iskop li ghalih oggetti ta' l-istess tip normalment jintuzaw (*subpara "c") *u juru l-kwalita u l-kapacita li huma normali f'oggetti ta' l-istess tip u li l-konsumatur jista' ragonevolment jistenna ...* (subpara "d");

Ikkunsidra

Illi ġjaladarba m'hemmx kontestazzjoni li l-panelli kienu milquta' minn difett serju jonqos biss li jiġi determinat jekk is-soċjeta' intimata għandiex twieġeb għal dan id-difett.

Jinghad fid-decizjoni fl-ismijiet "**Perito Architetto Vincenzo Zarb -vs- Barone Fc. Chapelle**", Appell Civili, 8 ta' Jannar, 1912, illi "g*li effetti della garanzia nella vendita possono essere per convenzione, estesi o ristretti".* Inoltre mbaghad jigi puntwalizzat illi "il-*fatt li fuq id-dokument huma mnizzlin certi patti ta' garanzija, bhal fil-kaz prezenti, ma*

huwiex bizzejjed, wahdu, biex jeskludi l-garanizji aktar ampji li taghti l-ligi, ghax jehtieg li c-cirkostanzi tal-kaz ikunu juru li l-partijiet fil-fatt riedu u kienu kuntenti b'dik il-limitazzjoni tal-garanzija ghal dik biss li jkun espress fid-dokument b'eskluzjoni tal-garanziji legali, jew inkella li l-kondizzjonijiet tad-dokument ikun inkonciljabbli mal-garanzija legali". (Ara "**Joseph Cefai -vs- Carmelo Petroni et nomine**", Appell Kummercjali, 28 ta' Gunju, 1957. Ara wkoll s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet "**Christopher Falzon -vs- Noel Gauci**", 12 ta' Gunju, 2009.

Fil-każ preżenti, kif hekk kien ukoll il-każ ta' "**Dorianne Bartolo Vella -vs- Industrial Motors Limited**", Appell Inferjuri, 26 ta' Jannar, 2005, il-garanzija konvenzjonali pattwita kienet tikkostitwixxi mezz ta' tishih ghall-harsien tax-xerrej b'aggunta ghal dawk iggarantiti mil-ligi sija jekk mill-ottika ta' l-Artikolu 1390 tal-Kodici Civili, sija jekk skond il-previzjoni tal-ligi specjali fl-Artikolu 73 (1) tal-Kapitolu 378 fuq riportat;

Illi f'dan il-każ specifiku l-panelli hekk mixtrija mir-rikorrenti kien allegatament iggarantit għal ħames snin. Illi t-Tribunal jinnota li mid-dokumenti esebiti, jirriżulta bl-aktar mod ċar li l-garanzija mogħtija mis-soċjeta' intimata kienet valida għal ħames snin. Illi tali garanzijja bdiet mid-9 ta' Settembru 2016 u għalhekk il-garanzijja fuq il-panelli kienet għalqet ferm qabel ir-rapport li għamlu r-rikorrenti f'Diċembru 2023.

Ġeneralment, il-pannelli solari huma mistennija li jdumu bejn 25 u 30 sena. Illi fil-fatt il-panelli kienu wkoll koperti bil-garanzijja tal-manifattur. Illi t-Tribunal ra d-dokumenti esebiti fosthim il-garanzijja relevanti tal-manifattur u jinnota li fil-parti relevanti jingħad hekk:

"If the Module does not meet the warranted power output levels set out above when measured by LG or by an independent measuring institute agreed to prior to testing by LG under standard test conditions (IEC 61215) taking into account a ±3% measurement

tolerance range, LG will, at its sole and absolute discretion, either (i) repair the Module(s); (ii) supplement such deficiency in power by either: (a) providing additional Module(s) to

the Customer, or (b) replacing the Module(s); or (iii) Refund the difference between guaranteed minimal power output and actual power output (measured under LG's STC) multiplied by the then current market price of the Module(s) or a comparable model at the time of the Customer's claim."

Illi għalhekk isegwi li jiġi determinat jekk il-kumpens li offra l-manifattur fl-ammont ta' seba mitt ewro (€700) kienx ġust meta mqabbel mal-formula u l-krtierji li hemm spjegati fil-garanzija tiegħu stess u tenut kont tal-valur fis-suq tal-panelli. Illi kien jispetta lir-rikorrenti li jekk pretendew somma ta' kumpens akbar jippreżentaw evidenza teknika biex jissostanzjaw l-argument tagħhom. Illi t-Tribunal mhux f'pożizzjoni li jkejjel id-differenza bejn il-*guaranteed minimal power output* u l-*actual power output* u lanqas ma jista joffri l-prezz fis-suq ta' panelli simili għal dawk mixtrija mir-rikorrenti sabiex jasal għal kumpens ġust. Illi dan kien jispetta lir-rikorrenti li jippreżentaw rapport ta' persuna teknika bħal inġinier jew jitolbu lit-Tribunal jaħtar espert sabiex jeżamina l-panelli u jirrelata ma dan it-Tribunal. Illi dan kien iwassal sabiex jiġi determinat kemm kellu jkun il-kumpens u fl-istess waqt is-soċjeta' intimata tkun tista tmur lura għand il-manifattur u titlob kumpens akbar għar-rikorrenti, jekk ikun il-każ.

Illi l-piż tal-prova huwa fuq minn jallega. Fil-fehema tat-Tribunal, ir-rikorrenti naqsu milli jissostanzjaw it-talbiet tagħhom bi provi konkreti. Kien jispetta lir-rikorrenti jresssqu provi tajbin u suffiċjenti biex jikkonvinċu lilt-Tribunal li l-ammont ta' kumpens għandu jkun ikbar minn dak offrut lilhom fl-ammont ta' seba mitt ewro (€700).

Illi għalhekk fiċ-ċirkostanzi t-Tribunal jaqbel mad-difiża tas-soċjeta' intimata li l-ammont massimu li s-soċjeta' intimata setat tagħti lir-rikorrenti huwa dak mogħti mil-manifattur.

Decide

Ghall-motivi senjalati dan it-Tribunal qed jilqa' limitatament it-talba tar-rikorrenti u konsegwentement wara Ii qies iċ-ċirkostanzi kollha u ra d-dokumenti kollha esebiti, it-Tribunal qiegħad jordna lis-soċjeta' intimata tirrifondi lir-rikorrenti s-somma ta' seba mitt ewro (€700) fi żmien ġimgħa mil llum.

L-ispejjez ta' din is-sentenza a karigu tas-socjeta` intimata.

Avv. Dr Martha Mifsud

Arbitru